Kristu kien il-Messija li huma kienu jistennew. Il-lsien ewlieni li bih inkiteb kien l-Arami, jew Għebrani tal-Palestina. Dan l-Evanġelju bil-lsien ewlieni ntilef meta l-Insara Lhud xterdu ma' tul iż-żewġ gwerer, l-ewwel ta' Titu bin Vespasjanu fis-sena 70 u mbagħad ta' Xmun bar-Kokba, fis-snin 132-5.

Il-lum hawn nies ta' skola li jżommu li l-Evanġelju ta' San Mattew kien miktub mill-ewwel bil-Grieg. Għax daqs kemm hu miktub bi Grieg tajjeb, ma jistax ikun maqlub minn lingwa Semija. Imma dan l-argument m'għandux saħħa. Għax dan kien jiġri wkoll kieku min qaleb l-Evanġelju kien jaf tajjeb l-Grieg. Jgħidu wkoll li l-kliem tal-Għaqda l-Qadima li fih dan l-Evanġelju meħud mill-Bibbja Griega ta' Lixandra, mhux mill-Bibbja l-Lhudija tal-Palestina. Imma anqas dan l-argument ma jorbot, għax ma tistax taf min kien li qaleb l-Evanġelju mill-Arami għall-Grieg. Sata' kien Lhudi Nisrani tad-Dijaspora, għal hekk kien isemmi l-kliem tal-Bibbja li kien jaf hu. Jgħidu wkoll li kieku kien miktub bl-Għebrani, ma kienx hemm għal fejn il-kittieb ifisser li l-kelma "qorban" tfisser "għotja", u "Golgota" tfisser "ras ta' mewt". Imma dan it-tifsir jinsab fl-Evanġelju kif inhu issa, bil-Grieg, u ma tistax tgħid li kien hekk minn dejjem. Sata' għamlu min qalbu għal Grieg. Ara kemm hu hekk, li kelma minnhom nesa jfissirha. Fit-Taqsima I v. 21 miktub li l-Anġlu qal lil San Ġużepp "Mirjam sa jkollha tifel, li għandek issemmih Ġesù (Jexugħ) għax jeħles lil niesu minn ħtijiethom". La darba l-kittieb ma fissirx li **Ġesù** tfisser **Ħellies** jidher ċar li kien jaf li l-qarrejja kienu jafu xi tfisser, għax kienu Lhud u l-Evanġelju kien miktub bil-lsien tagħhom. Mela l-Evanġelju ta' San Mattew l-ewlieni kien miktub bl-Arami mhux bil-Grieg.

Nieqfu hawn biex ma niġbdux fit-tul wisq. Imma għad baqa' tifsir ieħor fuq dan l-Evanġelju, li jekk il-Bambin irid, jista' jkun li niktbuh xi darba oħra 'l quddiem.

D. FORTUNAT MIZZI

---

# GĦID IL-MILIED FIL-GĦAR TA' BETLEHEM

Il-Milied minnu nnifsu, fil-qalb iġib il-hena, bħal ma ħabbru l-Anġli lir-ragħajja fl-Ewwel Milied: "Sebħ lil Alla fis-smewwiet, u sliem fl-art lin-nies ta' rieda tajba". Kull nisrani ta' qalb safja ma jistax f'jum il-Milied ma jħossx ferħ u hena ġewwa ruħu. Iħossuhom ħenjin dawk li jgħaddu l-lejl fil-knisja, jitgħaxxqu bil-ħlewwa tal-kant u bil-ġmiel tal-funzjonijiet. Imma qatt ebda bniedem ma jħoss ferħ hekk kbir u hena daqs min igħaddi lejl il-Milied f'Betlehem l-imkien sewwa fejn xi elfejn sena ilu twieled għalina Ġesù. U jien li sitt snin ilu għaddejt il-Milied f'Betlehem sa nikteb fil-qosor kif isiru l-funzjonijiet hemmhekk.

**Lejn Betlehem**

Kien mela, lejlet il-Milied filgħodu, meta r-rajjes tal-Kulleġġ Bibliku ta' Ġerusalem, fejn jien dak iż-żmien kont qiegħed, resaq fuqi u tani l-aħbar li jien kont magħżul biex nagħmilha ta' ministru fil-funzjonijiet tal-Milied ġewwa Betlehem. Għal dik l-aħbar ħassejt bħal dehxa ta' ferħ fija, u għaġġilt lejn kamarti u mlejt bagalja żgħira bil-meħ-

tieġ u ħriġt 'il barra u ħaffift fil-mixi biex nilħaq il-karrozza tat-tmienja, li titlaq għal Betlehem minn Ġerusalem. Kif ħriġt iltqajt ma' wieħed li nafu: il-Professur Silvester Saller, li mexxa t-taħfir u kixef kixfiet hemmija fuq Monti Nebo u f'Betanja. Ħriġna flimkien minn Ġerusalem, minn Bab il-Għamud li quddiemu jieqfu l-karrozzi, bħalma f'Malta jieqfu quddiem Putirjal. Sibna l-bus numru sittax u rkibna, u ħallasna erbgħin fils (disgħa soldi) kull wieħed, u ftit wara l-karrozza mxiet.

Għaddejna għal wara s-sur; ilwejna u nżilna ġewwa Wad il-Goż; tlajna minn triq zigzag fuq Ġebel iż-Żejtun, għal quddiem id-dejr tal-'High Commissioner', għal ġewwa r-raba', kollu għerien u oqbra qdam, sa ma lħaqna r-raħal ta' Sur-Baħir. Minn hemm dehret Betlehem quddiemna, mifruxa fuq l-għoljiet, u warajha l-'Herodium', li hu l-qabar ta' Erodi l-Kbir, għamla ta' għolja beżżulija, u fix-xellug il-Baħar il-Mejjet u l-Ġurdan.

Meta qrobna lejn Betlehem, billi kien għadu l-ħin ħafna (għax kienu għadhom it-tmienja u nofs), jien u l-professur Saller inżilna mill-karrozza biex nibqgħu sejrin Betlehem bil-mixi. Ix-xemx kienet fietla; is-sema ċar, u l-arja safja tal-iġbla tħossha tagħtik is-saħħa. Kif għaddejna l-qabar ta' Rakela, naraw quddiemna żewġ Dumnikani. Intebħu bina u waqfu jistennewna. Ma kienu ħadd iehor ghajr il-wisq imsemmi Arkeologu Pere de Vaux, wieħed mill-mexxejja fil-kxif dan l-aħħar tad-dejr ta' l-Esseni f'Hirbet Qumran, qrib il-Baħar il-Mejjet, u sieħbu Pere Benoit. U hekk l-erbgħa bqajna sejrin flimkien, nitħaddtu u nimxu qajla qajla u wasalna Betlehem wara xi għaxar minuti jew hekk. Kienet naqra ta' mixja li għadni nqisha bħala l-isbaħ waħda li għamilt f'ħajti.

**Fl-Għar Imqaddes**

Dħalna l-knisja ta' Santa Katerina u għamilna żjara. Inżilna fil-Għar Imqaddes li hu hemm, ma' ġenbha. Qagħadna għar-rkobbtejna fuq il-post fejn twieled Ġesù u tlabna bil-qalb għalina nfusna u għal għajrna, u hekk



**BETLEHEM.** — Dehra tal-belt, meħuda min-naħa ta' wara, jiġifieri, min-naħa ta' Hebron, mhux min-naħa ta' Ġerusalem. Il-Għar Imqaddes jinsab ftit 'il hemm mill-kanpnar it-twil, f'nofs tar-ritratt.

ukoll għamilna fuq il-post ta' fejn kienet l-maxtura. Tlajna', u dorna u flejna l-Bażilika qadima ta' Santa Liena mibnija fuq il-Għar. U żorna l-iskola ta' San Ġlormu u l-Qabar tat-Trabi bla Ħtija li Erodi kien ġiegħel li jinqatlu biex magħhom jaħkem lill-Bambin. Morna sa l-Għar tal-Ħalib, ftit bgħid mill-Bażilika, u fil-ħdax morna nieklu mal-Franġiskani ta' hemm.

Għal ħabta tas-siegħa, inżilt fis-sagristija u lbist il-pjaneta u ħriġt maloħrajn biex nilqgħu lill-Patrijarka, li kellu jiġi minn Ġerusalem. Il-misraħ ta' quddiem il-knisja kien maħnuq binnies. Kien hemm il-banda ta' Betlehem u s-subien ta' li 'scouts', u ġemgħat ta' nies ta' kull ġens u ta' kull għomor; ir-rġiel iż-żgħażagħ kienu lebsin bħal ta' l-Ewropa — qalziet u ġlekk — imma f'rashom min kellu tarbux, min ħatta u min fejsalija. Ix-xjuħ kienu lebsin il-qumbas (bħal qmis salgħarqbejn, donnha suttana ta' qassis, 'double-breasted'), u fuqu l-għabaj u f'rashom kellhom il-leffa. Imma l-aktar li laqatni kien l-ilbies tan-nisa ta' Betlehem. Libsa twila twila, donnha ċoqqa ta' raħeb, sewda jew kaħla dagħmija, imħażżmin f'qaddhom bi ħżiem isfar. Ġlekk aħmar, imtarraż jiġifieri irrakkmat, bil-ward irqieq tal-ħajt tal-ħarir, minn kull lewn, u ħarqa bajda, li minn fuq rashom tibqa' nieżla sa fuq ġenbejhom.

**Jasal il-Patrijarka**

Ftit wara s-siegħa waslet karrozza sewda. Sparaw xi murtali u l-banda bdiet iddoqq l-Innu tal-Papa. Mill-karrozza ħareġ il-Patrijarka u l-bini għoli ta' madwar il-misraħ beda jidwi biċ-ċapċip ta' l-idejn u l-għajjat: "F'el jeħja l-Batrak!" (evviva l-Patrijarka). Mal-Patrijarka kien hemm ukoll l-Awżiljarju tiegħu, Mons Gelat, u l-Kanċillier. Warajh kien hemm is-Sindku ta' Betlehem u warajhom l-Ambaxxaturi ta' ħafna ġnus bin-nies ta' ma' dwarhom. Il-purċissjoni bdiet miexja bil-kant tal-'Benedictus' u daħlet fil-Bażilika ta' Betlehem u minn hemm għall-knisja ta' Santa Katerina tal-Franġiskani. Hemm il-Patrijarka naża' l-ħwejjeġ tal-festa u daħal id-dejr tal-Franġiskani, li hu jafu sewwa għax huwa wkoll Franġiskan.



**BETLEHEM. — Id-daħla bil-kbir tal-Patrijarka Gori li hi msemmija hawn. L-ewwel wieħed fuq ix-xellug, bit-tuniċella huwa Patri Gwidu Schembri, O.F.M., li kiteb dil-kitba.**

**Għasar Pontifikal**

Fl-erbgħa ta' wara nofs in-nhar il-Patrijarka reġa' niżel fis-sagristija, u libes u ħareġ fil-knisja għall-Għasar Pontifikali. Il-Għasar kien imgħanni b'ħafna ilħna, mir-rħieb u s-subien ta' li Scola Cantorum ta' Ġerusalem u Betlehem f'daqqa. Dak ġmiel ta' għana! Tixtiequ ma jehda qatt! Wara l-Għasar in-nies ħarġet barra mill-knisja, iddur mat-toroq tal-belt.

Jien wara l-Għasar ħriġt barra wkoll. U l-ewwel mort nara l-bir ta' David (għax David ukoll kien minn Betlehem) u wara xtrajt xi kartolini biex nibgħathom, bit-timbru tal-posta ta' Betlehem, lil qraba u 'l ħbieb li kelli Malta.

Billi jkun hemm il-funzjoni bil-lejl, dik il-lejla r-rħieb Franġiskani jieklu bikri, biex mn kun irid, jilħaq jorqod ftit. Fuq il-mejda kien hemm il-Patriarka, il-Kustodju u l-kbarat kollha tal-knisja fl-artijiet tax-xerq. Ħdejja kien hemm is-Segretarju tan-Nunċjatura Libanija u qagħadna nitħaddtu fuq kif sata' kien Betlehem fi żmien twelid Ġesù:belt żgħira li fiha kien hemm ħan kbir u qadim li jistrieħu fih l-imsefrin mis-Surija għal Maser, u ħan żgħir u ġdid, la Rumana, li fih twieled Ġesù.

Fil-għaxra ta' bil-lejl bdiet l-isbaħ funzjoni li qatt rajt f'ħajti. Beda l-Matutin bil-kbir u l-Patrijarka kien hemm fuq it-tron imdawwar bil-kbarat tiegħu. Kienu jaħdru wkoll l-Ambaxxaturi kollha ta' Ġerusalem u ta' Għamman u ta' bliet oħra. Kien hemm ukoll id-delegati tat-Television Amerikani u xeħtu dawl qawwi biex jieħdu l-films li kellhom jibgħatuhom dak il-ħin biex jidhru l-għada fl-Amerika. Wara bdiet il-quddiesa li fiha tqiegħed fuq l-artal Bambin il-ġmiel ta' ġmielu, tifkira tat-twelid tal-Bambin tabilħaqq. Wara l-quddiesa saret il-purċissjoni, bil-Patrijarka li fi ħdanu kellu l-Bambin ta' fuq l-artal. Mill-knisja ta' Santa Katerina, il-purċissjoni daret għall-kurituri tal-kunvent, għall-Bażilika ta' Santa Liena, u minn hemm għal ġewwa l-Għar Imqaddes, bil-għana dejjem ta' l-innu: 'Jesu Redemptor Omnium', biċċa kull wieħed, il-Franġiskani u t-tfal. Fil-purċissjoni kien hemm l-Ambaxxaturi kollha, li niżlu fil-Għar mal-Patrijarka. Ġewwa l-Għar, id-Djaknu ħa l-Bambin minn ħdan il-Patrijarka, u meddu fuq il-kewkba tal-fidda li hemm taħt l-artal u kanta l-Evanġelju ta' San Luqa u kulħadd bies l-art mal-kelmiet tiegħu: "Hic Christus natus est pro nobis" (li jfissru: Hawn Kristu twieled għalina). Minn għajnejn kulħadd qabeż id-dmugħ għax tassew il-qalb tingħafas meta tiftakar li l-Iben t'Alla niżel mis-sebħ tas-sema biex jitwieled bħala bniedem ġewwa dak il-għar fqir u mudlam u kollu ndewwa, għal ebda għan ieħor ħlief is-saħħa tagħna. U hekk intemmet dik l-isbaħ funzjoni li qatt rajt f'ħajti.

Hekk isir Għid il-Milied ġewwa Betlehem. Ferħ u għaxqa ġewwa u barra mill-knisja. Fil-misraħ tal-knisja tara minn kull xorta ta' nies u tisma' taħdit b'kull xorta ta' ilsna, sewwa tax-Xerq kemm ukoll tal-Għarb. Ir-rħieb u raħbiet ta' kull lewn u ta' kull għamla. Għonja Ewropej b'ilbies fuqhom mill-ifjen, imħallta mal-Għarab tal-Bedu, li telgħu Betlehem mix-xori u mill-widien fejn kienu jirgħu, biex jaraw il-"ħafla". Min jixtri, min jiftiehem, min miexi u min wieqaf jitħaddet mal-ħbieb. X'ġara? Għalfejn dil-ġegwiġija kollha? Għalfejn dan il-ferħ kollu ġewwa dan ir-raħal fqir?... Għax hawn twieled Kristu għalina, bħalma għanna d-Djaknu dal-lejl: "Hic natus est Christus pro nobis!"

P. Gwidu Schembri, O.F.M.